Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 131

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 60

20 ta' Mejju 2017

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni (UE) 2017/864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali (2018)** 1

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook** 10

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/865 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali** 11

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/866 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-asil u n-non-refoulement** 13

REGOLAMENTI

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/867 tas-7 ta' Frar 2017 dwar il-klassijiet ta' arranġamenti li għandhom jiġu protetti fi trasferiment parzjali ta' proprjetà skont l-Artikolu 76 tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** (1) 15

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/868 tad-19 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 20

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2017/869 tas-16 ta' Mejju 2017 li taħtar membru tal-Qorti tal-Awdituri** 22

Rettifika

★ **Rettifika tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/693 tas-7 ta' April 2017 li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwi għal bitertanol, klormekwat u tebufenpirad f'ċerti prodotti jew fuqhom** (ĠU L 101, 13.4.2017) 23

I

(Atti leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2017/864 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Mejju 2017

dwar Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali (2018)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) L-ideali, il-prinċipji u l-valuri integrati fil-wirt kulturali tal-Ewropa jikkostitwixxu sors kondiviż ta' tifkira, fehim, identità, djalogu, koeżjoni u kreattività għall-Ewropa. Il-wirt kulturali għandu rwol fl-Unjoni Ewropea u l-preambolu għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jgħid li l-firmatarji ġew ispirati mill-wirt kulturali, reliġjuż u umanist tal-Ewropa.

(2) L-Artikolu 3(3) tat-TUE jgħid li l-Unjoni għandha tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha, u għandha tiżgura li jitħares u jkun żviluppat il-wirt kulturali Ewropew.

(3) L-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħti lill-Unjoni l-kompitu li tikkontribwixxi għat-trawwim tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt tirriżalta l-wirt kulturali komuni. Jenħtieġ li l-azzjoni tal-Unjoni jkollha l-mira li tħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk jenħtieġ, tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tagħhom fl-oqsma, fost l-oħrajn, tat-titjib fit-tagħrif u fit-tixrid tal-kultura u l-istorja tal-popli Ewropej, u tal-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-wirt kulturali Ewropew sinifikanti.

(4) Kif enfasizzat mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tat-22 ta' Lulju 2014 intitolata "Lejn approċċ integrat għall-Ewropa lejn il-wirt kulturali", il-wirt kulturali għandu jiġi kkunsidrat bħala riżorsa kondiviża u ġid komuni miżmum għall-ġenerazzjonijiet futuri. Għaldaqstant hija r-responsabbiltà komuni tal-partijiet ikkonċernati kollha li jieħdu ħsieb il-wirt kulturali.

(5) Il-wirt kulturali huwa ta' valur kbir għas-soċjetà Ewropea mil-lat kulturali, ambjentali, soċjali u ekonomiku. Għalhekk, il-ġestjoni sostenibbli tiegħu tikkostitwixxi għażla strateġika għas-seklu wieħed u għoxrin, kif enfasizzat mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Mejju 2014 ([3]). Il-kontribut tal-wirt kulturali f'termini ta' ħolqien ta' valuri, ħiliet u impjiegi, u kwalità tal-ħajja hu ssottovalutat.

([1]) ĠU C 88, 21.3.2017, p. 7.
([2]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' April 2017 (għadha mhix ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2017.
([3]) Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2014 dwar il-wirt kulturali bħala riżorsa strateġika għal Ewropa sostenibbli (ĠU C 183, 14.6.2014, p. 36).

(6) Il-wirt kulturali huwa fil-qalba tal-Aġenda Ewropea għall-kultura ([1]) u jikkontribwixxi għall-għanijiet tagħha, li huma l-promozzjoni tad-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali, il-promozzjoni tal-kultura bħala katalizzatur għall-kreattività, u l-promozzjoni tal-kultura bħala element vitali fir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni. Huwa wkoll wieħed mill-erba' prijoritajiet għal kooperazzjoni Ewropea dwar il-kultura għall-perijodu 2015-2018, kif stabbilit fil-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura attwali, adottat mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, fil-25 ta' Novembru 2014 ([2]).

(7) Il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Mejju 2014, iddikjara li l-wirt kulturali jħaddan firxa wiesgħa ta' riżorsi li ntirtu mill-imgħoddi fil-forom u l-aspetti kollha — tanġibbli, mhux tanġibbli u diġitali (imwielda fl-era diġitali u diġitalizzati), inklużi monumenti, siti, pajsaġġi, ħiliet, prattiki, għarfien u espressjonijiet ta' kreattività umana, kif ukoll kollezzjonijiet ikkonservati u amministrati minn korpi pubbliċi u privati bħal mużewijiet, libreriji u arkivji. Il-wirt kulturali jinkludi wkoll il-wirt ċinematografiku.

(8) Il-wirt kulturali ssawwar tul is-sekli bis-saħħa tal-interazzjoni bejn l-espressjonijiet kulturali tad-diversi ċivilizzazzjonijiet li ppopolaw l-Ewropa. Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali tgħin biex tħeġġeġ u tavvanza fehim tal-importanza tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali. Mod kif jinkiseb dan il-fehim jista' jkun permezz ta' programmi edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni pubblika akbar, f'konformità mal-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni tal-Unesco dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali tal-2005, li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma parti minnha.

(9) B'konformità mal-Artikolu 30 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, li l-Unjoni u ħafna mill-Istati Membri huma parti minnha il-Partijiet għall-Konvenzjoni jagħrfu d-dritt ta' persuni b'diżabbiltà li jieħdu sehem fuq bażi ugwali mal-oħrajn fil-ħajja kulturali, u għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li persuni b'diżabbiltà, fost l-oħrajn, igawdu l-aċċess għal postijiet fejn isiru attivitajiet jew servizzi kulturali, bħal ma huma teatri, mużewijiet, ċinema, libreriji u servizzi turistiċi, u, sa fejn hu possibbli, igawdu aċċess għal monumenti u siti ta' importanza kulturali u nazzjonali.

(10) Il-Premju Ewropew għall-Belt Aċċessibbli wera li huwa kemm fattibbli kif ukoll prattika tajba biex il-wirt kulturali tal-bliet nagħmluh aċċessibbli, b'modi li jirrispettaw in-natura u l-valuri tagħhom, għall-persuni b'diżabbiltà, persuni anzjani u dawk b'mobbiltà mnaqqsa jew tipi oħrajn ta' nuqqasijiet temporanji.

(11) Il-wirt kulturali għandu rwol importanti għall-koeżjoni tal-komunità fi żmien meta d-diversità kulturali qed tiżdied fis-soċjetajiet Ewropej. Is-siti li ngħataw iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandhom dimensjoni Ewropea qawwija, peress li ntgħażlu minħabba r-rwol tagħhom fl-istorja Ewropea. Flimkien mal-Bliet Kapitali Ewropej tal-Kultura, dawk is-siti jsaħħu s-sens ta' appartenenza taċ-ċittadini Ewropej għal spazju Ewropew komuni. Għaldaqstant, jenħtieġ jinstabu l-komplementarjetajiet mas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali. L-approċċi parteċipatorji u interkulturali ġodda għall-politiki dwar il-wirt u l-inizjattivi edukattivi li jattribwixxu dinjità ugwali lill-forom kollha ta' wirt kulturali għandhom il-potenzjal li jżidu l-fiduċja, ir-rikonoxximent reċiproku u l-koeżjoni soċjali, kif uriet il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qafas tal-Kunsill tal-Ewropa.

(12) Ir-rwol tal-wirt kulturali huwa rikonoxxut ukoll fl-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli ("Aġenda 2030"), li tirrikonoxxi ċ-ċittadinanza globali, id-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali bħala prinċipji predominanti tal-iżvilupp sostenibbli. L-Aġenda 2030 tirrikonoxxi li l-kulturi u ċ-ċivilizzazzjonijiet kollha jistgħu jikkontribwixxu għal żvilupp sostenibbli u huma fatturi kruċjali ta' dan l-iżvilupp. Il-kultura hija msemmija espliċitament f'diversi Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Agenda 2030, b'mod partikolari Għan 11 (bliet-wirt), kif ukoll Għan 4 (edukazzjoni), u, fir-rigward tat-turiżmu, Għan 8 (tkabbir sostenibbli) u Għan 12 (mudelli ta' konsum).

(13) Rikonoxximent akbar fil-livell internazzjonali tal-ħtieġa li l-valuri tan-nies u tal-bnedmin jitqiegħdu fiċ-ċentru ta' kunċett imkabbar u transdixxiplinarju ta' wirt kulturali jsaħħaħ il-ħtieġa li jitrawwem aċċess usa' għall-wirt kulturali, fost l-oħrajn, fid-dawl tal-effetti pożittivi tagħha fuq il-kwalità tal-ħajja. Tali aċċess usa' jista' jinkiseb billi jintlaħqu udjenzi differenti u billi tiżdied l-aċċessibilità għal postijiet, bini, prodotti, u servizzi, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċjali u l-implikazzjonijiet tal-bidla demografika.

([1]) Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2007 dwar Aġenda Ewropea għall-Kultura (ĠU C 287, 29.11.2007, p. 1).
([2]) Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2015-2018) (ĠU C 463, 23.12.2014, p. 4).

(14) Il-politiki għall-manutenzjoni, ir-restawr, il-konservazzjoni, l-użu mill-ġdid, l-aċċessibilità u l-promozzjoni ta' wirt kulturali u servizzi relatati huma primarjament responsabilitajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali. Madankollu, il-wirt kulturali għandu dimensjoni Ewropea ċara li hija indirizzata, flimkien mal-politika kulturali, permezz ta' politiki oħra tal-Unjoni bħall-edukazzjoni, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, l-iżvilupp reġjonali, il-koeżjoni soċjali, l-affarijiet marittimi, l-ambjent, it-turiżmu, l-aġenda diġitali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-komunikazzjoni.

(15) Is-sena 2018 għandha importanza simbolika u storika għall-Ewropa u l-wirt kulturali tagħha, peress li tfakkar għadd ta' avvenimenti sinifikanti bħall-100 anniversarju minn tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija u l-indipendenza ta' bosta Stati Membri kif ukoll l-400 anniversarju mill-bidu tal-Gwerra tat-Tletin Sena. Għaldaqstant, is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali tista' toffri opportunitajiet biex il-preżent jinftiehem aħjar permezz ta' fehim aktar rikk u kondiviż tal-passat.

(16) Bil-għan li l-potenzjal tal-wirt kulturali jintlaħaq b'mod sħiħ għas-soċjetajiet u l-ekonomiji Ewropej, is-salvagwardja, it-titjib u l-ġestjoni tal-wirt kulturali jeħtieġu governanza effikaċi u parteċipattiva (jiġifieri fuq diversi livelli u minn diversi partijiet ikkonċernati) u kooperazzjoni transsettorjali msaħħa, kif iddikjarat mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' Novembru 2014 ([1]). Tali governanza u kooperazzjoni jinvolvu l-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, is-settur tal-wirt kulturali, l-atturi privati u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħal NGOs u organizzazzjonijiet fis-settur tal-volontarjat.

(17) Barra minn hekk, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' Novembru 2014, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li tippreżenta proposta għal Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali.

(18) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015, il-Parlament Ewropew irrakkomanda d-deżinjazzjoni, preferibbilment għall-2018, ta' Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali.

(19) Fl-opinjoni tiegħu tas-16 ta' April 2015 ([2]), il-Kumitat tar-Reġjuni laqa' s-sejħa tal-Kunsill sabiex tiġi kkunsidrata "Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali", filwaqt li saħaq fuq il-kontribut tagħha fil-kisba tal-għanijiet kondiviżi fil-kuntest pan-Ewropew.

(20) Id-dikjarazzjoni ta' Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali hija mod effikaċi biex jiżdied l-għarfien tal-pubbliku, tinxtered l-informazzjoni dwar l-prattiki tajba, jiġu promossi d-dibattitu pubbliku, ir-riċerka u l-innovazzjoni u tittejjeb il-kapaċità għall-ġbir u l-analiżi tal-evidenza kwalitattiva u d-data kwantitattiva, inkluża l-istatistika, dwar l-impatt soċjali u ekonomikutal-wirt kulturali. Permezz tal-ħolqien ta' ambjent għall-promozzjoni simultanja ta' dawn l-għanijiet fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali, sinerġija akbar u użu aħjar tar-riżorsi jistgħu jinkisbu. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni jenħtieġ tipprovdi informazzjoni f'waqtha u tikkoopera mill-qrib mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Istati Membri, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-korpi u l-assoċjazzjonijiet attivi fil-qasam tal-wirt kulturali fil-livell tal-Unjoni. Bil-għan li jiġi żgurat li l-attivitajiet żviluppati għas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali jkollhom dimensjoni Ewropea, l-Istati Membri jitħeġġu wkoll jikkollaboraw ma' xulxin.

(21) Il-wirt kulturali huwa wkoll qasam ta' intervent f'diversi programmi fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, primarjament, iżda mhux esklużivament, fil-Lvant Nofsani. Il-promozzjoni tal-valur tal-wirt kulturali hija wkoll reazzjoni għad-distruzzjoni intenzjonata tat-teżori kulturali fiż-żoni ta' kunflitt, kif enfasizzat mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni fil-komunikazzjoni konġunta tat-8 ta' Ġunju 2016 intitolata "Lejn Strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali". Huwa importanti li tkun żgurata l-komplementarjetà bejn is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali u l-inizjattivi tar-relazzjonijiet esterni kollha żviluppati fi ħdan oqfsa adegwati. Jenħtieġ li l-azzjonijiet għall-protezzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali taħt strumenti ta' relazzjonijiet esterni rilevanti, fost l-oħrajn, jirriflettu l-interess reċiproku assoċjat mal-iskambju ta' esperjenzi u valuri ma' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li s-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali tippromwovi l-għarfien reċiproku, ir-rispett u l-fehim tal-kulturi rispettivi.

(22) Jenħtieġ li l-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali jkunu assoċjati mill-qrib ma' azzjonijiet taħt is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali. Jenħtieġ jintalab ukoll, kif ikun xieraq, l-involviment tal-pajjiżi li jaqgħu fi ħdan l-għan tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u pajjiżi sħab oħrajn. Tali involviment jista' jinkiseb taħt l-oqfsa rilevanti għall-kooperazzjoni u d-djalogu, b'mod partikolari fil-kuntest tad-djalogu tas-soċjetà ċivili bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi.

([1]) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-governanza parteċipattiva tal-patrimonju kulturali (ĠU C 463, 23.12.2014, p. 1).
([2]) Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni — Lejn approċċ integrat għall-wirt kulturali tal-Ewropa (ĠU C 195, 12.6.2015, p. 22).

(23) Is-salvagwardja, il-konservazzjoni u t-titjib tal-wirt kulturali tal-Ewropa jaqgħu taħt l-għanijiet ta' programmi eżistenti tal-Unjoni. Għaldaqstant, Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali tista' tiġi implimentata bl-użu ta' dawk il-programmi skont id-dispożizzjonijiet eżistenti tagħhom u billi jiġu stabbiliti prijoritajiet ta' finanzjament fuq bażi annwali jew pluriennali. Il-programmi u l-politiki f'oqsma bħall-kultura, l-edukazzjoni, l-iżvilupp agrikolu u rurali, l-iżvilupp reġjonali, il-koeżjoni soċjali, l-affarijiet marittimi, l-ambjent, it-turiżmu, l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-komunikazzjoni jikkontribwixxu direttament u indirettament għall-protezzjoni, it-tisħiħ, l-użu mill-ġdid innovattiv u l-promozzjoni tal-wirt kulturali tal-Ewropea, u jistgħu jappoġġaw is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali skont l-oqfsa legali rispettivi tagħhom. Jaf jitqiesu l-kontributi nazzjonali li jikkomplementaw il-kofinanzjament fil-livell tal-Unjoni, fosthom permezz ta' mekkaniżmi ta' finanzjament flessibbli bħas-sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat jew il-finanzjament kollettiv (crowd funding), bil-għan li jiġu appoġġati l-għanijiet tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali.

(24) Jenħtieġ li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jitħarsu permezz ta' miżuri proporzjonali tul iċ-ċiklu tal-infiq kollu kemm hu, li jinkludi l-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet, l-irkupru tal-fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati ħażin u, fejn xieraq, il-pieni amministrattivi u finanzjarji.

(25) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi pakkett finanzjarju għat-tul kollu tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali, li għandu jikkostitwixxi l-ammont primarju ta' referenza, skont it-tifsira tal-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([1]), għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill tul il-proċedura baġitarja annwali.

(26) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri li jitħeġġeġ l-iskambju u l-apprezzament tal-wirt kulturali tal-Ewropa, li jiżdied l-għarfien dwar l-istorja u l-valuri komuni, u li jissaħħaħ is-sens ta' appartenenza għal spazju komuni Ewropew, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba l-bżonn ta' skambju transnazzjonali ta' informazzjoni u tixrid ta' prattika tajba fl-Unjoni kollha, iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

1. Is-sena 2018 ser tinħatar bħala "Is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali" ("Is-Sena Ewropea").

2. L-għan tas-Sena Ewropea għandu jkun li jitħeġġeġ l-iskambju u l-apprezzament tal-wirt kulturali Ewropew bħala riżorsa komuni, biex titqajjem kuxjenza dwar l-istorja u l-valuri komuni, u jissaħħaħ is-sens ta' appartenenza għal spazju komuni Ewropew.

Artikolu 2

Għanijiet

1. L-għanijiet ġenerali tas-Sena Ewropea għandhom ikunu li jitħeġġu u jiġu appoġġati l-isforzi tal-Unjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali, b'kooperazzjoni mas-settur tal-wirt kulturali u s-soċjetà ċivili f'sens usa', biex jiġi protett, salvagwardat, utilizzat mill-ġdid, imsaħħaħ, ivvalorizzat u promoss il-wirt kulturali tal-Ewropa. B'mod partikolari, is-Sena Ewropea għandha:

(a) tikkontribwixxi għall-promozzjoni tar-rwol tal-wirt kulturali tal-Ewropa bħala komponent ċentrali tad-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali. Filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri, jenħtieġ li din tenfasizza l-aqwa mezzi biex ikunu żgurati l-konservazzjoni u s-salvagwardja tal-wirt kulturali tal-Ewropa kif ukoll it-tgawdija tiegħu minn udjenza usa' u aktar diversifikata, inkluż permzz ta' miżuri tal-iżvilupp tal-udjenza u l-edukazzjoni dwar il-wirt, biex b'hekk jiġu promossi l-inklużjoni u l-integrazzjoni soċjali;

([1]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

(b) issaħħaħ il-kontribut tal-wirt kulturali tal-Ewropa għas-soċjetà u għall-ekonomija, permezz tal-potenzjal ekonomiku dirett u indirett tagħha, li jinkludi l-kapaċità li ssostni s-setturi kulturali u kreattivi, inklużi l-impriżi żgħar u ta' daqs medju, u li tispira l-ħolqien u l-innovazzjoni, li tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli u t-turiżmu, li ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali u li tiġġenera impjieg lokali fuq medda twila ta' żmien;

(c) tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' wirt kulturali bħala element importanti fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, filwaqt li tibni fuq l-interess u l-ħtiġijiet f'pajjiżi sħab u fuq l-għarfien espert tal-Ewropa fir-rigward tal-wirt kulturali.

2. L-għanijiet speċifiċi tas-Sena Ewropea għandhom ikunu biex:

(a) tinkoraġġixxi approċċi lejn politiki dwar il-wirt kulturali li huma ffukati fuq il-persuni, inklużivi, iħarsu 'l quddiem, aktar integrati, sostenibbli u transettorjali;

(b) tippromwovi l-mudelli innovattivi ta' governanza parteċipattiva u l-ġestjoni tal-wirt kulturali, li jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, is-settur tal-wirt kulturali, atturi privati u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(c) tippromwovi d-dibattitu, ir-riċerka u l-iskambju ta' prattiki tajbin fir-rigward tal-kwalità tal-konservazzjoni, is-salvagwardja, l-użu mill-ġdid innovattiv u t-tisħiħ tal-wirt kulturali, u dwar interventi kontemporanji fl-ambjent storiku;

(d) tippromwovi soluzzjonijiet li jagħmlu l-wirt kulturali aċċessibbli għal kulħadd, inkluż permezz ta' mezzi diġitali, billi jitneħħew l-ostakli soċjali, kulturali u fiżiċi, filwaqt li jitqiesu l-persuni bi bżonnijiet speċjali;

(e) tenfasizza u ssaħħaħ il-kontribut pożittiv tal-wirt kulturali għas-soċjetà u l-ekonomija permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-bażi ta' evidenza għat-tali kontribuzzjoni fil-livell tal-Unjoni;

(f) tinkoraġġixxi sinerġiji bejn il-politiki dwar il-wirt kulturali u ambjentali permezz tal-integrazzjoni ta' wirt kulturali fil-politiki ambjentali, arkitettoniċi u tal-ippjanar, u billi tiġi promossal-effiċjenza enerġetika;

(g) tinkoraġġixxi strateġiji ta' żvilupp reġjonali u lokali li jisfruttaw il-potenzjal tal-wirt kulturali, saħansitra permezz tal-promozzjoni tat-turiżmu sostenibbli;

(h) tappoġġa l-iżvilupp ta' ħiliet speċjalizzati u ttejjeb il-ġestjoni tal-għarfien u t-trasferiment tal-għarfien fis-settur tal-wirt kulturali, b'kunsiderazzjoni tal-implikazzjonijiet tal-bidla diġitali;

(i) tinkoraġġixxi l-wirt kulturali bħala sors ta' ispirazzjoni għall-kreazzjoni u l-innovazzjoni kontemporanja, u li jiġu enfasizzati l-potenzjal għal arrikkament reċiproku u interazzjoni aktar b'saħħitha bejn is-settur tal-wirt kulturali u setturi kulturali u kreattivi oħra;

(j) trawwem kuxjenza dwar l-importanza tal-wirt kulturali tal-Ewropa permezz tal-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, b'mod partikolari billi tiffoka fuq it-tfal, iż-żgħażagħ u l-anzjani, il-komunitajiet lokali u dawk il-gruppi li huma diffiċli li jintlaħqu;

(k) tenfasizza l-potenzjal ta' kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' wirt kulturali għall-iżvilupp ta' rabtiet aktar b'saħħithom fl-Unjoni u ma' pajjiżi barra mill-Unjoni, u l-inkoraġġiment tad-djalogu interkulturali, ir-rikonċiljazzjoni wara l-kunflitt u l-prevenzjoni ta' kunflitti;

(l) li tiġi promossa r-riċerka u l-innovazzjoni fir-rigward tal-wirt kulturali, li tiġi ffaċilitata l-adozzjoni u l-isfruttament ta' riżultati tar-riċerka mill-partijiet ikkonċernati kollha, b'mod partikolari awtoritajiet pubbliċi u s-settur privat, u jiġi ffaċilitat it-tixrid ta' riżultati tar-riċerka għal udjenza usa';

(m) tinkoraġġixxi sinerġiji bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, inkluż permezz tat-tisħiħ ta' inizjattivi li jipprevjenu t-traffikar illeċitu ta' oġġetti kulturali; u

(n) tenfasizza, matul l-2018, avvenimenti sinifikanti li jkunu ta' importanza simbolika għall-istorja u l-wirt kulturali tal-Ewropa.

Artikolu 3

Kontenut tal-miżuri

1. Il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 2 għandhom jinkludu l-attivitajiet li ġejjin fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali jew lokali marbuta mal-għanijiet tas-Sena Ewropea:

(a) inizjattivi u avvenimenti li jippromwovu d-dibattitu u jissensibilizzaw dwar l-importanza u l-valur tal-wirt kulturali u biex jiffaċilitaw l-involviment taċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati;

(b) kampanji ta' informazzjoni, wirjiet, edukazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni sabiex iwasslu valuri bħad-diversità u d-djalogu interkulturali bl-użu ta' evidenza mir-rikkezza tal-wirt kulturali tal-Ewropa u sabiex jistimulaw il-kontribut tal-pubbliku ġenerali fil-protezzjoni u l-ġestjoni tal-wirt kulturali u b'mod aktar ġenerali fil-kisba tal-għanijiet tas-Sena Ewropea;

(c) l-iskambju ta' esperjenza u prattiki tajbin ta' amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali u organizzazzjonijiet oħrajn, u t-tixrid ta' informazzjoni dwar il-wirt kulturali, inkluż permezz ta' Europeana;

(d) it-twettiq ta' studji u attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u t-tixrid tar-riżultati tagħhom fuq skala Ewropea jew nazzjonali; u

(e) il-promozzjoni ta' proġetti u netwerks konnessi mas-Sena Ewropea, inkluż permezz tal-midja u n-netwerks soċjali.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali rispettivament, jistgħu jidentifikaw attivitajiet oħrajn barra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, sakemm dawn jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet tas-Sena Ewropea kif jinsabu fl-Artikolu 2.

3. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, kif ukoll l-Istati Membri, fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali rispettivament, jistgħu jirreferu għas-Sena Ewropea u jagħmlu użu mil-logo tagħha biex jippromwovu l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 4

Koordinazzjoni fil-livell tal-Istati Membri

L-organizzazzjoni tal-parteċipazzjoni fis-Sena Ewropea fil-livell nazzjonali hija responsabilità tal-Istati Membri. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jaħtru koordinaturi nazzjonali. Il-koordinaturi nazzjonali għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni ta' attivitajiet rilevanti fil-livell nazzjonali.

Artikolu 5

Koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha regolarment torganizza laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali sabiex tikkoordina t-tmexxija tas-Sena Ewropea. Dawk il-laqgħat għandhom iservu wkoll bħala opportunitajiet biex isir skambju tat-tagħrif dwar l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni; rappreżentanti tal-Parlament Ewropew jistgħu jipparteċipaw f'dawk il-laqgħat bħala osservaturi.

2. Il-koordinazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni għandu jkollha approċċ trasversali bil-għan li jinħolqu sinerġiji bejn id-diversi programmi u inizjattivi tal-Unjoni għall-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tal-wirt kulturali.

3. Il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħat regolari tal-partijiet interessati u r-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet jew korpi attivi fil-qasam tal-wirt kulturali, inkluż netwerks kulturali transnazzjonali eżistenti u l-NGOs rilevanti, kif ukoll ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, biex jassistuha fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni.

Artikolu 6

Kooperazzjoni internazzjonali

Għall-finijiet tas-Sena Ewropea, il-Kummissjoni għandha tikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, b'mod partikolari l-Kunsill tal-Ewropa u l-Unesco, filwaqt li tiżgura l-viżibilità tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni.

Artikolu 7

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri adatti li jiżguraw li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' spezzjonijiet u verifiki effettivi u, jekk jiġu individwati irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament, u fejn adatt, permezz ta' penali amministrattivi u finanzjarji effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa ta' awditjar, abbażi ta' dokumenti u ta' verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotjiet, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni taħt din id-Deċiżjoni.

3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([2]) u bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni fir-rigward ta' ftehim dwar għotja jew deċiżjoni dwar għotja jew kuntratt iffinanzjat skont din id-Deċiżjoni.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, kuntratti, ftehimiet dwar għotja u deċiżjonijiet ta' għotja li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandu jkollhom dispożizzjonijiet li espliċitament jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu tali awditi u investigazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Artikolu 8

Finanzjament

Il-kofinanzjament fil-livell tal-Unjoni ta' attivitajiet li jimplimentaw is-Sena Ewropea għandu jkun skont ir-regoli applikabbli għal programmi eżistenti, bħall-Programm Ewropa Kreattiva, u fi ħdan il-possibbilitajiet eżistenti għall-istabbiliment tal-prijoritajiet fuq bażi annwali jew pluriennali. Fejn xieraq, programmi u politiki oħrajn, fi ħdan id-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji eżistenti tagħhom, ukoll jistgħu jappoġġaw is-Sena Ewropea.

Artikolu 9

Baġit

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2018 għandu jkun ta' EUR 8 miljun.

L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Artikolu 10

Monitoraġġ u evalwazzjoni

Sal-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tal-inizjattivi previsti f'din id-Deċiżjoni. Ir-rapport għandu jinkludi ideat għal aktar sforzi komuni fil-qasam tal-wirt kulturali.

([1]) Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

([2]) Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Strasburgu, is-17 ta' Mejju 2017.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
A. TAJANI	C. ABELA

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

F'konformità mal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni, il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali (2018) huwa ta' EUR 8 miljun. Sabiex tiġi ffinanzjata t-tħejjija tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali, EUR 1 miljun ser ikunu ffinanzjati mir-riżorsi eżistenti fil-baġit tal-2017. Għall-baġit tal-2018, EUR 7 miljun ser ikunu riżervati għas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali u jsiru viżibbli f'linja baġitarja. EUR 3 miljun ta' dak l-ammont ser jiġu minn riżorsi li attwalment huma previsti fil-Programm Ewropa Kreattiva u EUR 4 miljun ser jiġu prijoritizzati mill-ġdid minn riżorsi oħra eżistenti, mingħajr ma jintużaw il-marġni eżistenti u mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja.

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-ftehim tal-koleġislaturi biex jintroduċu pakkett finanzjarju ta' EUR 8 miljun fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali (2018). Il-Kummissjoni tfakkar li hi l-prerogattiva tal-awtorità baġitarja li tawtorizza l-ammont ta' approprjazzjonijiet fil-baġit annwali, f'konformità mal-Artikolu 314 tat-TFUE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook

L-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Cook iffirmaw, fit-3 ta' Mejju 2016, fi Brussell, u rispettivament fl-14 ta' Ottubru 2016, f'Avarua, Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu.

Fit-28 ta' Frar 2017 l-Unjoni Ewropea tat notifika li kienet lestiet il-proċeduri interni meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Il-Gżejjer Cook taw notifika fl-10 ta' Mejju 2017.

Il-Ftehim għaldaqstant daħal fis-seħħ fl-10 ta' Mejju 2017 skont l-Artikolu 17 tiegħu.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/865

tal-11 ta' Mejju 2017

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 83(1), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni ħadet sehem flimkien mal-Istati Membri bħala osservatur fin-negozjati tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ("il-Konvenzjoni"), li ġiet adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-7 ta' April 2011. Il-Konvenzjoni nfetħet għall-iffirmar fil-11 ta' Mejju 2011.

(2) F'konformità mal-Artikolu 75 tal-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni hija miftuħa għall-iffirmar mill-Unjoni.

(3) Il-Konvenzjoni toħloq qafas ġuridiku komprensiv u pluridimensjonali għall-protezzjoni tan-nisa minn kull forma ta' vjolenza. Hija għandha l-għan li tipprevjeni, tħarrek u telimina l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u l-vjolenza domestika. Hija tkopri firxa wiesgħa ta' miżuri, mill-ġbir tad-data u s-sensibilizzazzjoni għal miżuri legali dwar il-kriminalizzazzjoni ta' forom differenti ta' vjolenza kontra n-nisa. Hija tinkludi miżuri għall-protezzjoni ta' vittmi u l-għoti ta' servizzi ta' appoġġ, u tindirizza d-dimensjoni tal-vjolenza minħabba l-ġeneru f'materji ta' asil u migrazzjoni. Il-Konvenzjoni tistabbilixxi mekkaniżmu speċifiku ta' monitoraġġ sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet tagħha mill-Partijiet.

(4) L-iffirmar tal-Konvenzjoni f'isem l-Unjoni ser jikkontribwixxi għar-realizzazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha, li hu objettiv u valur ċentrali tal-Unjoni li għandu jiġi mwettaq fl-attivitajiet kollha tagħha f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-vjolenza kontra n-nisa hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom u forma estrema ta' diskriminazzjoni, bl-għeruq f'inugwaljanzi bejn is-sessi u li tikkontribwixxi għaż-żamma u t-tisħiħ tagħhom. Billi timpenja ruħha għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni, l-Unjoni tikkonferma l-impenn tagħha għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa fit-territorju tagħha u globalment, u ssaħħaħ il-qafas ġuridiku sostanzjali eżistenti u l-azzjoni politika attwali tagħha fil-qasam tal-liġi proċedurali kriminali, li hu ta' rilevanza partikolari għan-nisa u l-bniet.

(5) Kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri tagħha għandhom kompetenza fl-oqsma koperti mill-Konvenzjoni.

(6) Jenħtieġ li l-Konvenzjoni tiġi ffirmata f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni sal-punt li l-Konvenzjoni tista' taffettwa regoli komuni jew tbiddel l-għan tagħhom. Dan japplika, b'mod partikolari, għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni relatati mal-asil u n-non-refoulement. L-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sal-punt li l-Konvenzjoni ma taffettwax regoli komuni jew tbiddel l-għan tagħhom.

(7) L-Unjoni għandha wkoll kompetenza esklużiva li taċċetta l-obbligi li jinsabu fil-Konvenzjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tagħha stess.

(8) Minħabba li l-kompetenza tal-Unjoni u l-kompetenzi tal-Istati Membri huma interkonnessi, jenħtieġ li l-Unjoni ssir Parti għall-Konvenzjoni flimkien mal-Istati Membri tagħha, sabiex flimkien huma jkunu jistgħu jwettqu l-obbligi stipulati fil-Konvenzjoni u jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija lilhom b'mod koerenti.

(9) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali sal-punt li dawk id-dispożizzjonijiet jistgħu jaffettwaw regoli komuni jew ibiddlu l-għan tagħhom. Hija ma tikkonċernax l-Artikoli 60 u 61 tal-Konvenzjoni, li huma indirizzati permezz ta' deċiżjoni separata tal-Kunsill dwar l-iffirmar li għandha tiġi adottata b'mod parallel ma' din id-Deċiżjoni.

(10) L-Irlanda u r-Renju Unit huma marbuta bid-Direttivi 2011/36/UE ([1]) u 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u għalhekk qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(11) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(12) Jenħtieġ li l-Konvenzjoni tiġi ffirmata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Konvenzjoni msemmija. ([3])

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina lill-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Konvenzjoni f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Mejju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

R. GALDES

([1]) Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1).
([2]) Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1).
([3]) It-test tal-Konvenzjoni ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/866

tal-11 ta' Mejju 2017

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-asil u n-non-refoulement

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni ħadet sehem flimkien mal-Istati Membri bħala osservatur fin-negozjati tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ("il-Konvenzjoni"), li ġiet adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-7 ta' April 2011. Il-Konvenzjoni nfetħet għall-iffirmar fil-11 ta' Mejju 2011.

(2) F'konformità mal-Artikolu 75 tal-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni hija miftuħa għall-iffirmar mill-Unjoni.

(3) Il-Konvenzjoni toħloq qafas ġuridiku komprensiv u pluridimensjonali għall-protezzjoni tan-nisa minn kull forma ta' vjolenza. Hija għandha l-għan li tipprevjeni, tħarrek u telimina l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u l-vjolenza domestika. Hija tkopri firxa wiesgħa ta' miżuri, mill-ġbir tad-data u s-sensibilizzazzjoni għal miżuri legali dwar il-kriminalizzazzjoni ta' forom differenti ta' vjolenza kontra n-nisa. Hija tinkludi miżuri għall-protezzjoni ta' vittmi u l-għoti ta' servizzi ta' appoġġ, u tindirizza d-dimensjoni tal-vjolenza minħabba l-ġeneru f'materji ta' asil u migrazzjoni. Il-Konvenzjoni tistabbilixxi mekkaniżmu speċifiku ta' monitoraġġ sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet tagħha mill-Partijiet.

(4) L-iffirmar tal-Konvenzjoni mill-Unjoni ser jikkontribwixxi għar-realizzazzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha, li hu objettiv u valur ċentrali tal-Unjoni li għandu jiġi mwettaq fl-attivitajiet kollha tagħha f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-vjolenza kontra n-nisa hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom u forma estrema ta' diskriminazzjoni, bl-għeruq f'inugwaljanzi bejn is-sessi u li tikkontribwixxi għaż-żamma u t-tisħiħ tagħhom. Billi timpenja ruħha għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni, l-Unjoni tikkonferma l-impenn tagħha għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa fit-territorju tagħha u globalment, u ssaħħaħ il-qafas ġuridiku sostanzjali eżistenti u l-azzjoni politika attwali tagħha fil-qasam tal-liġi proċedurali kriminali, li hu ta' rilevanza partikolari għan-nisa u l-bniet.

(5) Kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri tagħha għandhom kompetenza fl-oqsma koperti mill-Konvenzjoni.

(6) Jenħtieġ li l-Konvenzjoni tiġi ffirmata f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni sal-punt li l-Konvenzjoni tista' taffettwa regoli komuni jew tbiddel l-għan tagħhom. Dan japplika, b'mod partikolari, għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni relatati mal-asil u n-non-refoulement. L-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sal-punt li l-Konvenzjoni ma taffettwax regoli komuni jew tbiddel l-għan tagħhom.

(7) L-Unjoni għandha wkoll kompetenza esklużiva li taċċetta l-obbligi li jinsabu fil-Konvenzjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tagħha stess.

(8) Minħabba li l-kompetenza tal-Unjoni u l-kompetenzi tal-Istati Membri huma interkonnessi, jenħtieġ li l-Unjoni ssir Parti għall-Konvenzjoni flimkien mal-Istati Membri tagħha, sabiex flimkien huma jkunu jistgħu jwettqu l-obbligi stipulati fil-Konvenzjoni u jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija lilhom b'mod koerenti.

(9) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna biss l-Artikoli 60 u 61 tal-Konvenzjoni. Hija ma tikkonċernax id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li huma indirizzati minn Deċiżjoni tal-Kunsill separata dwar l-iffirmar li għandha tiġi adottata b'mod parallel ma' din id-Deċiżjoni.

(10) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, dawk l-Istati Membri mhumiex qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhumiex marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(11) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(12) Jenħtieġ li l-Konvenzjoni tiġi ffirmata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-asil u n-non-refoulement, huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Konvenzjoni msemmija. ([1])

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina lill-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Konvenzjoni f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Mejju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

R. GALDES

([1]) It-test tal-Konvenzjoni ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/867

tas-7 ta' Frar 2017

dwar il-klassijiet ta' arranġamenti li għandhom jiġu protetti fi trasferiment parzjali ta' proprjetà skont l-Artikolu 76 tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 76 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2014/59/UE tirrikjedi lill-Istati Membri li jiżguraw il-protezzjoni ta' ċerti klassijiet ta' arranġamenti waqt trasferiment parzjali ta' assi, drittijiet u obbligazzjonijiet ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni. L-istess protezzjoni hija meħtieġa meta awtorità ta' riżoluzzjoni timmodifika bil-forza t-termini ta' kuntratt li l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni tkun parti fih. Din il-protezzjoni għandha l-għan li tipprevjeni, meta jkun sar trasferiment parzjali jew saret modifika kuntrattwali, il-qsim ta' assi, drittijiet u obbligazzjonijiet li jkunu marbutin ma' xulxin permezz ta' dawn l-arranġamenti.

(2) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' din il-protezzjoni, huwa meħtieġ li jiġu identifikati b'mod preċiż it-tipi ta' arranġamenti li jaqgħu fl-ambitu ta' kull waħda mill-klassijiet stabbiliti skont id-Direttiva 2014/59/UE. Il-metodu l-aktar xieraq għal din l-identifikazzjoni huwa li jiġu stabbiliti regoli u definizzjonijiet dettaljati, b'żieda ma' dawk stabbiliti skont id-Direttiva 2014/59/UE. Dan huwa preferibbli milli tiġi stabbilita lista ta' arranġamenti speċifiċi li jistgħu jidħlu fis-seħħ taħt il-liġijiet nazzjonali differenti tal-Istati Membri, billi lista bħal din tkun diffiċli biex titlesta u jkun teħtieġ li tiġi aġġornata kontinwament. Dan ir-Regolament bħala tali għandu jikkjarifika u jillimita, fejn meħtieġ, il-kamp ta' applikazzjoni tad-diversi forom ta' protezzjoni previsti mid-Direttiva 2014/59/UE għal kull klassi ta' arranġament.

(3) Il-klassijiet differenti ta' arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu 76(2) tad-Direttiva 2014/59/UE huma ddettaljati f'livelli differenti: xi klassijiet huma speċifikati għal kollox, filwaqt li oħrajn huma determinati f'termini aktar vagi. Barra minn hekk, xi klassijiet jirreferu għal tip wieħed ta' relazzjoni kuntrattwali u obbligazzjoni jew għal sett limitat ta' relazzjonijiet kuntrattwali u obbligazzjonijiet, filwaqt li oħrajn ikopru għadd akbar u firxa miftuħa ta' obbligazzjonijiet kuntrattwali, tranżazzjonijiet u relazzjonijiet. Dawn il-klassijiet tal-aħħar jistgħu potenzjalment jinkludu r-relazzjonijiet kollha legali u kuntrattwali bejn istituzzjoni u waħda jew aktar mill-kontropartijiet tagħha. Jekk dawk il-klassijiet ta' arranġamenti kellhom jiġu mħarsa bis-sħiħ, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jistgħu jsibuha diffiċli biex jagħmlu trasferimenti parzjali, jew saħansitra jkun impossibbli li jagħmlu jekk. Huwa għalhekk xieraq li tiġi evitata protezzjoni eċċessiva li tista' potenzjalment testendi għall-assi, id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha bejn istituzzjoni u l-kontropartijiet tagħha.

(4) Xi klassijiet ta' arranġamenti protetti huma definiti f'termini usa' fid-Direttiva 2014/59/UE. Sabiex tittejjeb iċ-ċertezza f'termini ta' kamp ta' applikazzjoni, jiġifieri f'dak li għandu x'jaqsam ma' arranġamenti ta' garanzija, arranġamenti ta' tpaċija u ta' netting u arranġamenti finanzjarji strutturati, dawn il-klassijiet għandhom jiġu speċifikati aktar. Dan ir-Regolament Delegat ma għandux jimpedixxi lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni milli jispeċifikaw aktar fi trasferimenti parzjali dawk it-tipi ta' arranġamenti ta' tpaċija u ta' netting li jridu jiġu protetti fi trasferimenti parzjali individwali, meta dawn ikunu rikonoxxuti għall-iskopijiet ta' mitigazzjoni tar-riskji skont

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190.

ir-regoli prudenzjali u l-protezzjoni applikabbli, b'mod partikolari permezz tan-nonseparabbiltà, hija kundizzjoni għal dan ir-rikonoxximent. L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu fuq tali protezzjoni estiża f'każijiet ta' riżoluzzjoni individwali.

(5) Il-kontropartijiet tal-istituzzjoni jistgħu jaqblu dwar ftehim "ta' tpaċija" hekk imsejjaħ "omnikomprensiv" jew li jikkontempla kumplessivament jew speċifikament, inklużi d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha bejn il-partijiet. B'konsegwenza ta' dan it-tip ta' ftehim kull obbligazzjoni bejn il-partijiet tiġi protetti kontra li tiġi separata minn mal-oħrajn. Din tkun tirrendi inġestibbli t-trasferiment parzjali fir-rigward ta' din il-kontroparti, u b'mod ġenerali tista' tipperikola l-vijabbiltà tal-għodda kompletament, peress li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu ma jkunx kapaċi jagħrfu liema obbligazzjonijiet huma jew mhumiex koperti minn dawn l-arranġamenti. Għalhekk, għandu jkompli jiġi ċċarat li netting u ftehimiet ta' tpaċija "omnikomprensivi" jew "li jikkontemplaw kumplessivament u speċifikament", inkluż l-assi, id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha bejn il-partijiet, ma għandhomx jikkwalifikaw bħala arranġamenti protetti.

(6) L-Artikolu 80 tad-Direttiva 2014/59/UE jimplika li kull tnaqqis fil-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjonijiet ta' arranġamenti protetti skont l-Artikolu 76(2) tad-Direttiva 2014/59/UE ma għandux jaffettwa l-operat ta' sistemi ta' negozjar, tal-ikklerjar u tas-saldu, sakemm dawn is-sistemi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom għalhekk ikunu obbligati jipproteġu t-tipi ta' arranġamenti kollha msemmija fl-Artikolu 76(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, li huma marbuta ma' attività tal-kontroparti bħala Kontroparti Ċentrali (CCP). Dan jinkludi, iżda m'hemmx għalfejn ikun limitat għal, l-attività koperta minn fond tal-inadempjenza skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(7) L-istess japplika għal assi, drittijiet u obbligazzjonijiet relatati ma' sistemi ta' pagament jew ta' saldu tat-titoli. Billi l-arranġamenti ta' netting li jaqgħu fl-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/26/KE huma protetti f'każ ta' insolvenza, huma għandhom ukoll ikunu protetti, għal raġuni ta' konsistenza, skont l-Artikolu 76 tad-Direttiva 2014/59/UE. Madankollu, huwa xieraq li l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni skont l-Artikolu 76(2) ta' dik id-Direttiva jiġi estiż għall-arranġamenti kollha b'sistemi ta' pagament jew ta' saldu tat-titoli u l-attività relatata tagħhom, fejn applikabbli.

(8) Il-ħtieġa li jiġi speċifikat il-kamp ta' applikazzjoni tal-arranġament li jibbenefika mis-salvagwardji f'ċerti każijiet skont l-Artikolu 76(2) tad-Direttiva 2014/59/UE ma għandhiex, b'mod ġenerali, timpedixxi lill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni milli jipproteġu xi klassijiet ta' arranġamenti li jistgħu jiġu inklużi taħt waħda mill-kategoriji f'dan l-Artikolu, u li huma protetti fi proċedimenti ta' insolvenza kontra s-separazzjoni ta' assi, drittijiet u obbligazzjonijiet li jaqgħu taħt dawn il-ftehimiet skont il-liġi nazzjonali tal-insolvenza tagħhom inkluża t-traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Dan huwa l-każ, jekk kreditur xorta jibqa' jibbenefika mid-drittijiet li jirriżultaw mill-arranġament sakemm it-tranżazzjoni kollha ma tkunx ġiet annullata skont il-liġi nazzjonali tal-insolvenza. Dan japplika b'mod partikolari għal arranġamenti ta' garanzija u arranġamenti ta' tpaċija u ta' netting li huma protetti bil-liġi nazzjonali tal-insolvenza,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet fid-Direttiva 2014/59/UE. Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

(1) "Titolizzazzjoni" tfisser titolizzazzjoni kif definita fl-Artikolu 4(1)(61) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(2) "Ftehimiet kuntrattwali ta' netting" tfisser ftehimiet kuntrattwali ta' netting kif definit fl-Artikolu 295 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

([1]) Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

([3]) Id-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ tal-istituzzjonijiet tal-kreditu (ĠU L 125, 5.5.2001, p. 15).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Artikolu 2

Kundizzjonijiet li jikkonċernaw l-arranġamenti ta' garanzija, inkluż tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli

L-arranġamenti ta' garanzija skont l-Artikolu 76(2)(a) tad-Direttiva 2014/59/UE jinkludu dan li ġej:

(1) l-arranġamenti li jistipulaw il-garanziji, it-titoli u l-garanziji personali;

(2) rahan u interessi oħrajn f'garanziji reali;

(3) arranġamenti ta' għoti ta' self ta' titoli li ma jinvolvux trasferiment ta' sjieda sħiħa tal-kollateral u li jinvolvu parti waħda (mutwanti) li ssellef it-titoli lill-parti l-oħra (mutwatarju) għal tariffa jew pagament tal-imgħax u li fihom il-mutwatarju jipprovdi lill-mutwanti b'kollateral għall-perjodu tas-self.

L-arranġamenti ta' garanzija jikkwalifikaw bħala arranġamenti ta' garanzija skont l-Artikolu 76(2)(a) tad-Direttiva 2014/59/UE biss jekk id-drittijiet jew l-assi li magħhom huwa mehmuż jew jintehmeż l-interess ta' garanzija f'każ ta' event ta' infurzar ikunu suffiċjentement identifikati jew identifikabbli skont it-termini tal-arranġament u l-liġi nazzjonali applikabbli.

Artikolu 3

Kundizzjonijiet relatati ma' arranġamenti ta' tpaċija

1. Arranġamenti ta' tpaċija konklużi bejn istituzzjoni u kontroparti partikolari waħda għandhom jikkwalifikaw bħala arranġamenti ta' tpaċija skont l-Artikolu 76(2)(c) tad-Direttiva 2014/59/UE meta jirrelataw ma' drittijiet u obbligazzjonijiet li jinħolqu skont kuntratti finanzjarji jew derivattivi.

2. Arranġamenti ta' tpaċija konklużi bejn istituzzjoni u kontroparti partikolari waħda jew iktar għandhom jikkwalifikaw bħala arranġamenti ta' tpaċija skont l-Artikolu 76(2)(c) tad-Direttiva 2014/59/UE f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fejn l-arranġamenti huma marbuta ma' attività tal-kontroparti bħala kontroparti ċentrali, b'mod partikolari għall-attivitajiet koperti minn fond tal-inadempjenza skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(b) fejn l-arranġamenti huma relatati ma' drittijiet u obbligi lejn sistemi kif definit fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 98/26/KE jew sistemi oħra ta' pagament jew ta' saldu tat-titoli u huma marbuta mal-attività tagħhom bħala sistemi ta' pagament jew ta' saldu tat-titoli.

3. L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jistgħu jiddeċiedu, f'każijiet individwali, li arranġamenti ta' tpaċija konklużi bejn istituzzjoni u kontroparti partikolari waħda jew iktar sakemm dawn jikkonċernaw tipi oħra ta' drittijiet u obbligazzjonijiet għajr dawk li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 1 u 2, jistgħu jikkwalifikaw bħala arranġamenti ta' tpaċija skont l-Artikolu 76(2)(c) tad-Direttiva 2014/59/UE fejn l-arranġamenti huma rikonoxxuti għall-iskopijiet tal-mitigazzjoni tar-riskji skont regoli prudenzjali u l-protezzjoni applikabbli, b'mod partikolari permezz tan-nonseparabbiltà, tkun kundizzjoni għal dak ir-rikonoxximent.

Artikolu 4

Kundizzjonijiet relatati ma' arranġamenti ta' netting

1. Ftehimiet ta' netting kuntrattwali konklużi bejn istituzzjoni u kontroparti partikolari waħda għandhom jikkwalifikaw bħala arranġamenti ta' netting skont l-Artikolu 76(2)(d) tad-Direttiva 2014/59/UE meta jirrelataw ma' drittijiet u obbligazzjonijiet li jinħolqu skont kuntratti finanzjarji jew derivattivi.

2. Il-ftehimiet kuntrattwali ta' netting bejn l-istituzzjoni u kontroparti partikolari waħda jew iktar għandhom jikkwalifikaw bħala arranġamenti ta' netting skont l-Artikolu 76(2)(d) tad-Direttiva 2014/59/UE f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fejn l-arranġamenti huma marbuta ma' attività tal-kontroparti bħala kontroparti ċentrali, b'mod partikolari għall-attivitajiet koperti minn fond tal-inadempjenza skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(b) fejn l-arranġamenti huma relatati ma' drittijiet u obbligi lejn sistemi kif definit fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 98/26/KE jew sistemi oħra ta' pagament jew ta' saldu tat-titoli u huma marbuta mal-attività tagħhom bħala sistemi ta' pagament jew ta' saldu tat-titoli.

3. L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jistgħu jiddeċiedu, f'każijiet individwali, li l-arranġamenti ta' netting konklużi bejn istituzzjoni u kontroparti partikolari waħda jew iktar jistgħu jikkwalifikaw, f'każijiet individwali, bħala arranġament ta' netting skont l-Artikolu 76(2)(d) tad-Direttiva 2014/59/UE fejn huma rikonoxxuti għall-iskopijiet ta' mitigazzjoni tar-riskji skont ir-regoli prudenzjali u l-protezzjoni applikabbli, b'mod partikolari permezz tan-nonseparabbiltà, hija kundizzjoni għal dan ir-rikonoxximent.

Artikolu 5

Kundizzjonijiet ġenerali li japplikaw għall-arranġamenti ta' garanzija, arranġamenti ta' tpaċija u ta' netting u arrangamenti finanzjarji strutturati

1. L-Artikoli 2, 3 u 4 huma bla ħsara għal dawn is-setgħat tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni:

(a) biex jipproteġu kull tip ta' arranġamenti li jistgħu jiġu inklużi taħt waħda mill-klassijiet fil-punti (a), (c), (d) u (f) tal-Artikolu 76(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, u li fi proċedimenti normali ta' insolvenza huma protetti kontra separazzjoni, sospensjoni jew kanċellazzjoni temporanja jew indefinita ta' assi, drittijiet u obbligazzjonijiet li jaqgħu taħt dawn l-arranġamenti skont il-liġi nazzjonali tal-insolvenza tagħhom inkluża t-traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva 2001/24/KE,

(b) biex jipproteġu kull tip ta' arranġament li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 76(2) tad-Direttiva 2014/59/UE u li fi proċedimenti normali ta' insolvenza huwa protett kontra separazzjoni, sospensjoni jew kanċellazzjoni temporanja jew indefinita ta' assi, drittijiet u obbligazzjonijiet li jaqgħu taħt dawn l-arranġamenti skont il-liġi nazzjonali tal-insolvenza tagħhom inkluża t-traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva 2001/24/KE.

2. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu, f'każijiet individwali, jeskludu mill-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 76(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-arranġamenti ta' garanzija, jew ta' tpaċija u ta' netting li jikkonċernaw kuntratti inkluża kull klawżola li, f'każ ta' inadempjenza ta' kontroparti, tippermetti lil kontroparti mhux inadempjenti tagħmel pagamenti limitati biss, jew l-ebda pagament, lill-propjetà tal-parti inadempjenti, anki jekk il-parti inadempjenti tkun kreditur nett.

Artikolu 6

Kundizzjonijiet li jikkonċernaw l-arranġamenti finanzjarji strutturati, inklużi t-titolizzazzjonijiet u l-istrumenti użati għall-finijiet ta' hedging

1. L-arranġamenti finanzjarji strutturati skont l-Artikolu 76(2)(f) tad-Direttiva 2014/59/UE jinkludu dan li ġej:

(a) titolizzazzjonijiet li fihom l-iskoperturi sottostanti jkunu tqiegħdu f'porzjonijiet u ġew trasferiti permezz ta' trasferiment ta' titolu sħiħ mill-karta tal-bilanċ tal-oriġinatur, lill-istituzzjoni jew entità taħt riżoluzzjoni (titolizzazzjoni ta' bejgħ effettiv);

(b) titolizzazzjonijiet permezz ta' strumenti kuntrattwali, fejn l-assi sottostanti jibqgħu fuq il-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni jew tal-entità taħt riżoluzzjoni (titolizzazzjoni sintetika).

F'titolizzazzjonijiet ta' bejgħ effettiv, kull rwol tal-oriġinatur fl-istruttura, inklużi s-servizzi tas-self, il-forniment ta' xi forma ta' protezzjoni tar-riskju jew ta' likwidità, għandhom jiġu kkunsidrati bħala obbligazzjoni li tifforma parti minn arranġamenti finanzjarji strutturati.

F'titolizzazzjonijiet sintetiċi, l-interess ta' garanzija għandu jitqies bħala dritt li jifforma parti mill-arranġamenti finanzjarji strutturati biss jekk huwa mehmuż ma' assi speċifiċi u identifikati b'mod suffiċjenti jew identifikabbli skont it-termini tal-arranġament u l-liġi nazzjonali applikabbli.

2. Ftehimiet li jikkostitwixxu struttura ta' titolizzazzjoni li tkopri r-relazzjonijiet reċiproċi bejn l-oriġinaturi, l-emittenti, il-fiduċjarji, is-servizzjanti, il-maniġers tal-flus u l-kontropartijiet tal-iswaps u l-protezzjoni tal-kreditu, għandhom jitqiesu bħala li jifformaw parti minn arranġamenti finanzjarji strutturati jekk dawn ir-relazzjonijiet reċiproċi huma direttament marbuta mal-assi sottostanti u l-pagamenti li jridu jsiru minn rikavat iġġenerat minn dawn l-assi lid-detenturi tal-istrumenti strutturati. Dawn ir-relazzjonijiet reċiproċi jinkludu l-obbligazzjonijiet u d-drittijiet relatati mal-assi sottostanti, l-obbligazzjonijiet taħt l-istrumenti maħruġa, u l-arranġamenti ta' garanzija, inklużi t-tranżazzjonijiet derivattivi, li huma meħtieġa biex jinżamm il-fluss ta' pagamenti taħt dawn l-obbligazzjonijiet.

3. Il-paragrafu 2 għandu jkun mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-awtorità ta' riżoluzzjoni li tiddeċiedi, fuq bażi ta' każ b'każ u wara li tkun ikkunsidrat l-istruttura speċifika tal-arranġament finanzjarju strutturat skont l-Artikolu 76(2)(f) tad-Direttiva 2014/59/UE, li ftehimiet oħra bejn il-partijiet imsemmija fil-paragrafu 2, bħal ftehimiet ta' servizzjar tas-self, li mhumiex direttament marbuta mal-assi sottostanti u l-pagamenti li jridu jsiru, jiffurmaw parti minn arranġament finanzjarju strutturat bħal dan.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/868

tad-19 ta' Mejju 2017

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Mejju 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNESS

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ([1])	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	119,1
	TN	158,2
	TR	94,0
	ZZ	123,8
0709 93 10	TR	131,2
	ZZ	131,2
0805 10 22, 0805 10 24, 0805 10 28	EG	58,9
	MA	58,6
	TR	41,8
	ZA	88,5
	ZZ	62,0
0805 50 10	AR	123,2
	TR	65,0
	ZA	207,1
	ZZ	131,8
0808 10 80	AR	94,0
	BR	115,9
	CL	126,4
	CN	145,5
	NZ	158,4
	US	107,1
	ZA	100,2
	ZZ	121,1

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2017/869

tas-16 ta' Mejju 2017

li taħtar membru tal-Qorti tal-Awdituri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Ungerija,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-mandat tas-Sur Szabolcs FAZAKAS skada fis-6 ta' Mejju 2016.

(2) Jenħtieġ li għalhekk issir ħatra ġdida,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sinjura Ildikó GÁLL-PELCZ hija b'dan maħtura membru tal-Qorti tal-Awdituri għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2017 sal-31 ta' Awwissu 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

L. GRECH

([1]) Opinjoni tas-27 ta' April 2017 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/693 tas-7 ta' April 2017 li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwi għal bitertanol, klormekwat u tebufenpirad f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 101 tat-13 ta' April 2017)

Fil-paġna 12, fl-Anness, il-punt 1(b), fit-tabella li qed tibdel il-kolonna dwar il-klormekwat tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, dwar in-numri tal-kodiċi minn 1030000 sa 1030990,

minflok:

"1030000	**Bajd tat-tjur**	**0,01** (*)",
1030010	Tiġieġ	
1030020	Papri	
1030030	Wiżż	
1030040	Summien	
1030990	Oħrajn	

aqra:

"1030000	**Bajd tat-tjur**	**0,1**".
1030010	Tiġieġ	
1030020	Papri	
1030030	Wiżż	
1030040	Summien	
1030990	Oħrajn	

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT